# BORD TA’ L-ARTBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Gimgha 6 ta’ April 2001**

**Rikors numru 17/99**

**Numru 38**

**Agent Kummissarju ta’ l-Artijiet**

**vs**

**Reverendu Victor Grech Dimech, Wanda Grech Dimech, Carmela sive Melina Grech Dimech**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta:

1. Illi b’ittra ufficjali tas-17 ta’ April, 1998 l-intimati gew notifikati b’kopja ta’ Avviz ghal Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fond numru 49, Queen’s Lane Valletta u cioe tar-Recognition Rent ta’ tnejn u sebghin Lira Maltija u tmenin centezmu (Lm72.80,0) impost fuq l-istesss, li gie mehud mill-Gvern b’titolu ta’

Dominju Pubbliku in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Anthony Attard tat-2 ta' Mejju 1964 huwa ta' elf erba' mija sitta u hamsin Liri maltin (Lm1456) kif jidher mir-rapport tal-Perit Mario Cilia A.&C.E. tal-24 ta' Marzu 1998, li estratt tieghu huwa anness mal-istess avviz.

2. Illi b'ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju, 1998 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert imma jipprentedu minflok kumpens ta' hdax il-elf Lira Maltin (Lm11,000.00).

3. Illi b'cedola ta' depozitu pprezentata fl-4 ta' Awissu 1998 gie depozitat il-kumpens offert ta' elf erba' mija u sitta u hamsin Liri Maltin ghal fond fuq deskritt u dan a terminu tal-artikolu 22(4) tal-Kap 88.

4. Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kap 88 dan id-depositu ma jimpedix lill-intimati milli jkomplu jikkontestaw quddiem il-Bord l-ammont offert lilhom, liema ammont pero', ir-rikorrent jikkonferma li jqisu gust u skond il-ligi.

Talab bir-rispett li dan il-Bord jiffissa il-kumpens relattiv ghall-fond fuq imsemmi skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Ra r-risposta tal-intimati (Fol 5 tal-atti) li biha issottomettew illi huma jasserixxu l-kontestazzjoni li ressqu bl-Ittra Ufficcjali tal-5 ta' Mejju, 1998, u jinsistu li l-fond in kwistjoni jiswa ferm aktar mis-somma offerta mir-rikorrenti ghall-akkwist b'xiri assolut tieghu, specjalment fid-dawl li dan il-fond kellu faccata fuq triq principali tal-Belt.

Ghall-kull buon fini l-esponenti qed jesebixxu kopja legali tal-akkwist tal-fond in kwistjoni fl-atti tan-Nutar Francesco Caruana Dingli tal-11 ta' Settembru, 1902 Dok X.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidra

Illi,kif risultanti mir-rikors promotur u l-atti relattivi, ir-rikorrenti qed joffri lill-intimati is-somma ta' Lm1456 sabiex tithallas minnu bhala kumpens in konnessjoni max-xiri assolut bhala libera u franka, tar-"recognition rent" ta' Lm72.80,0 impost fuq il-fond 49, Queen's Lane, fil-Belt Valletta liema fond filfatt gie demolit u kien jinsab fejn illum hemm Misrah il-Helsien fil-Belt Valletta (ara fol 58 id-

dokumenti esebiti b'nota mill-intimati a fol 41 sa 43 ibid kif ukoll fol 54 tal-istess atti fejn tinsab ix-xhieda tal-Perit Mario Cilia).

Illi a fol 30 tal-atti markat bl-ittra A, tinsab l-istima tal-imsemmi Perit Mario Cilia fejn inghad testwalment "Il-fond numru 49 Sqaq ir-Regina li kien gie akkwistat mill-Awtorita kompetenti b'titolu ta' dominju publiku permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard li jgib id-data tat-2 ta' Mejju 1964...........Lm1456.00".

Ikkunsidra

Illi mill-intimati xehdet Wanda Grech Dimech (fol 55 et seq ibid) li spjegat li fil-fond in kwistjoni kienu jirrisjedu l-genituri taghha flimkien ma ohtha Carmena liema post kien gie mikri wara li l-familja kollha kienu marru joqghodu f'post iehor. Hi ssottolineat li l-post in kwistjoni kien f'kantuniera b'veduta tal-Furjana u dan sabiex tiggustika il-pretensjoni taghhom ta' Lm11,000 bhala l-kumpens pretiz minnhom, (ara ukoll l-att publiku a fol 6 tal-atti).

Ikkunsidra

Illi mill-premess jidher li ma irrizultax li l-intimati taw xi raguni legali sabiex jigi ffissat kumpens ghola minn dak specifikat fl-istess rikors

liema kumpens gie kalkolat a basi ta' kapitalizzazjoni tar-"recognition rent" ta' Lm72.80 bil-5% ekwivalenti ghal Lm1456 kif hemm imnizzel fl-istess rikors.

Ghal dawn il-motivi l-Bord jiffissa il-kumpens, relattiv ghal fond fuq imsemmi in konnessjoni max-xiri assolut tar-"recognition rent" fuq il-fond 49, Sqaq ir-Regina, fl-ammont ta' Lm1456.00,0 liema ammont depositat b'cedola presentata fl-4 ta' Awissu 1998, jista' jigi liberament zbankat mill-intimati.

In rigward l-ispejjes, kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

Alan Calleja
Dep.Reg